MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VINCENT GALEA**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2013

Talba Numru. 381/2009

**STUDIO MODA LIMITED**

**Vs**

**Mario CINI f'ismu proprju u ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta INIC Co. Limited**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fil-21 ta' Mejju, 2009** u li permezz taghha talbet lill-intimati ihallasuha s-somma ta' elfejn u erbgha u tletin euro u sitta u sebghin ċenteżmu ta' euro [€2,034.76] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi fil-perjodu ta' Marzu 2007 is-socjeta rikorrenti ġiet inkarigata mill-intimati sabiex tordna, tbiegh u tikkonsenja lill-istess intimati, materjal u oġġetti ta' arredament u oġġetti ohra relatati mar-restaurant ta' l-intimati bl-isem ta' MIMI, liema negozju kien immexxi mill-intimati.

Illi f’Mejju, 2007 il-partijiet ftehmu illi l-oggetti li kellhom jiġu kkonsenjati f’Settembru 2007 u l-hlas kellu jsir permezz ta’ depożitu dak in-nhar u l-bilanc mal-konsenja.

Illi nonostante l-konsenja ta’ l-oggetti mis-socjeta rikorrenti fil-perjodu miftiehem, l-intimati ghamlu biss hlasijiet sporadici ta’ ammonti zghar.

Illi n-nuqqas ta’ hlas kien allegatament dovut ghar-ragunijiet finanzjarji da parti ta’ l-intimati u fl-ahhar jum ta’ Novembru 2008, l-intimat Mario Cini wieghed lis-socjeta rikorrenti illi kien sejjer ihallas.

Illi s-socjeta rikorrenti avżat lill-intimati illi d-dewmien kien eċċessiv u illi fin-nuqqas ta’ hlas kienu ser jittiehdu proċeduri legali; Illi sal-lum il-bilanc ta’ Euro 2034.76 ghadu pendenti u ghadu ma thallasx.

Illi ghaldaqstant is-socjeta rikorrenti titlob illi dan l-Onorabbli Tribunal (1) jiddeċiedi u jiddikjara illi l-ammont ta’ Euro 2034.76 huwa dovut mill-intimati a favur tas-socjeta rikorrenti u (2) tikkundanna lill-intimati ihallsu s-somma ta’ Euro2034.76 lis-socjeta rikorrenti.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-intimati illi huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni”.

Ra **r-risposta tal-intimati** minnhom mressqa fl-4 ta’ Gunju, 2009 u li permezz taghha huma rrispondew hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

“Illi Mario Cini personalment ma ghamel ebda negozju mas-socjeta attriċi u ma hemm l-ebda ness bejniethom u kwindi ghandu jkun liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra s-socjeta attriċi.

Illi l-azzjoni hija preskritta ai termini ta’ l-artikolu 2148(b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi l-ammont mitlub ma hux dovut anke ghaliex il-materjal supplit kien ta’ kwalità inferjuri tant li dan irreka dannu lis-socjeta konvenuta li qed tipprezenta kontro-talba.

Illi minghajr preġudizzju ghas-suespost it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt".

Ra **l-kontro-talba mressqa mill-intimati** fil-konfront tas-socjeta rikorrenti fejn stqarru hekk:

"Is-socjeta Studio Moda Limited issupplixxiet prodotti ta' kwalità inferjuri bir-rizultat li klijenti tas-socjeta konvenuta wegghu waqt li kienu fil-fond gestit mis-socjeta konvenuta. Dan irreka dannu lis-socjeta konvenuta li qed titlob kumpens ghalek.

F'kull kaz, dan id-dannu ma jeċċedix l-ammont ta' €3,494"

Ra li s-socjeta rikorrenti ma ppreżentat l-ebda risposta bil-miktub ghall-kontro-talba tal-intimati.

Ra l-verbali datati 17 ta' Settembru, 2012, 31 ta' Ottubru, 2012 u 7 ta' Jannar, 2013 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas minghand l-intimati tas-somma ta' €2,034.76c u dan bhala bilanċ minn ammont akbar ghal oġġetti li hija kkonsenjat lill-istess soċjetà intimata in konessjoni mar-restaurant taghha. L-intimati da parti taghhom stqarrew li l-intimat Mario Cini personalment ma ghamel l-ebda negozju mas-socjeta rikorrenti u ghaldaqstant kellu jiġi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Fit-tieni lok, hija stqarret li l-azzjoni rikorrenti kienet perenta a tenur ta' l-artikolu 2148(b) tal-Kapitolu 16 u finalment qalet li l-ammont mitlub ma huwiex dovut peress li l-materjal supplit kien ta' kwalità inferjuri tant li rrekalha dannu. L-istess soċjetà intimata resqet kontro-talba fir-rigward tas-

socjeta rikorrenti fejn stqarret li l-prodott supplit tant kien ta' kwalità inferjuri li kien hemm xi nies li wegghu meta użaw dawn il-prodotti bil-konsegwenza li hija soffriet id-danni. Ghal din il-kontro-talba, s-socjeta rikorrenti ma resqet l-ebda risposta.

Ikkunsidra;

2. **Mark Borg, rappreżentant tas-socjeta rikorrenti** xehed fis-seduta tat-18 ta' Mejju, 2010. Huwa qal li sar jaf bl-intimat tramite *designer* li kien ra xi xoghol ghandhom u kien akkwista xi siġġijiet u mwejjed sabiex jiġu utilizzati ghar-*restaurant* tieghu ġewwa Tower Road, Sliema. Dan kien fis-sena 2006/2007. Ix-xhud ighid li l-ftehim dwar il-hlas kien li jithallas nofs l-ammont bhala depositu u r-rimanenti nofs jithallas mal-konsenja. Sussegwentement kien intlahaq ftehim mal-intimat sabiex ihallas l-ammont kollu ftit ftit u mhux kollha f'salt.

Wara li gew ikkonsenjati l-imwejjed u s-siggijiet l-intimat ghamel xi xahrejn jew tlieta jhallas il-pagamenti iżda mbaghad waqaf u x-xhud ighid li huwa kien ta' spiss iċempel u jmur fl-ufficini ta' l-intimat sabiex jitolbu l-hlas. Ix-xhud ighid li l-intimat dejjem kien jitolbu aktar żmien biex ihallas.

Fis-seduta tat-30 ta' Gunju, 2010 reggha xehed Mark Borg li esebixxa l-*invoice* tal-konsenja ta' siġġijiet u mwejjed lill-intimati datata 28 ta' Settembru, 2007. Dok. MB1 (fol. 24) tirrigwarda konsenja ta' siġġijiet ghal ġewwa u ghal barra u hija ghal-ammont komplessiv ta' €7,536.49. F'din il-konsenja kien hemm ukoll mejda. Minn dan l-ammont, skond ma jirrizulta mill-istess *invoice* s-socjeta intimata hallset depositu ta' €3,494.06 (Lm1,500). L-*invoice* hija indirizzata lil INIC Co. Limited.

It-tieni *invoice* (dok. MB2), li hija wkoll indirizzata lil INIC Co. Ltd tirrigwarda xi oġġetti ohra li nxtraw mill-intimati minghand is-socjeta rikorrenti. Din l-invoice li ġġib id-data tat-8 ta' Ottubru, 2007 hija ghal ammont ta' €157.04c.

Mill-i*statement* esebit mill-istess xhud u li gie mmarkat bhala dok. MB3 (fol. 26) jirrizulta li s-socjeta intimata kienet ghamlet is-segwenti hlasijiet:

i. 29 ta' Mejju, 2007 pagament ta' €1,164.69;
ii. 19 ta' Gunju, 2007 pagament ta' €1,164.69;
iii. 24 ta' Awwissu, 2007 pagament ta' €1,164.69;
iv. 6 ta' Dicembru, 2007 pagament ta' €1,164.69;
v. 15 (ix-xahar ma jidhirx), 2008 pagament ta' €1,000;

L-invoices dovuti lis-socjeta rikorrenti kienu jammontaw ghas-somma komplessiva ta' €7,693.52. Jekk jinqataw il-pagamenti hawn fuq indikati li jammontaw komplessivament ghas-somma ta' €5,658.76 mill-ammont ta' €7,693.52 jigi l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti f'dawn il-proceduri ta' €2,034.76c.

3. Xehed ukoll **Matthew Borg**, li huwa involut fis-*sales* u *marketing* tas-socjeta rikorrenti. Huwa qal li kien preżenti dak-in-nhar li saret il-konsenja u skond hu "*il-klijent kien kuntent bil-konsenja li ghamilnielu ta' l-oggetti*" (fol. 27). Kompla jghid li "*meta saret il-konsenja installajnielu l-affarijiet li kien ordna u ma kien hemm l-ebda ilmenti*" (fol. 27). Sussegwentement, jghid dan ix-xhud, il-hanut inghalaq u mbaghad rega' infetah u baqghu jużaw l-istess oġġetti u cioe s-siggijiet u l-imwejjed li ordnaw minghandhom. Fil-fatt, in sostenn ta' dan, huwa esebixxa żewġ ritratti mehudin minnu, liema ritratti gew esebiti bhala dok. MB 3 u MB 4. Ix-xhud jerga jsostni li "*qatt ma kien hemm ilmenti fuq il-prodott*" (fol. 27).

In kontro-ezami, huwa jghid li dak-in-nhar tal-konsenja huwa kien preżenti u li bhala installazzjoni, l-addetti tas-socjeta rikorrenti nstallawlu l-mejda l-ghaliex is-siggijiet kienu armati bil-lest qabel ma ittiehdu fil-hanut. Ix-xhud ighid li "*... bhala quality check jiena kont preżenti u vverifikajt dawn is-siggijiet wiehed wiehed, imbaghad meta kkonsenjajnihom lill-klijent ma kellux l-ebda ilment ghax infethu quddiemu*" (fol. 27). Din il-*quality check* kienet wahda viżwali u saret sabiex jaraw jekk kienx hemm xi hsarat.

Ix-xhud jammetti li ftit wara l-konsenja, l-intimat kien ċempel lis-socjeta rikorrenti u kien talabha sabiex tbiddilu siġġu wiehed biss u xejn aktar. Cahad li "*... kien hemm diversi siġġijiet li talabna biex inbidlulu. Ninsisti li kien wiehed biss*" (fol. 28). L-istess xhud cahad ukoll li "*... kien hemm xi inċidenti ghaliex kienu waqghu xi klijenti tal-konvenut minn fuq is-siggijiet u kienu wegghu*" (fol. 28).

4. **L-intimat** xehed fit-13 ta' April, 2011. Beda biex ighid li huwa jokkupa l-kariga ta' direttur tas-socjeta intimata. Qal li kien inkariga *designer* sabiex jghinu jarreda r-*restaurant* u l-mobbli li kellu bżonn. Iddecidew li jużaw il-prodotti tas-socjeta rikorrenti u qal li din kienet taf li s-siggijiet kellhom jintużaw f'*restaurant*. L-intimat qal ukoll li "*... wara ftit xhur li kienu ilhom fir-restaurant nghid illi bdejt nintebah b'xi difetti zghar u kont tkellimt maghha u li fil-fatt kienu baghtu van fejn regghu hadu s-siggijiet u rranġaw id-difetti li kien hemm*" (fol. 37). Wiehed minn dawn id-difetti, jghid l-intimat, kien li beda jinqala id-dahar tas-siggu minn mas-sedin. Qal li huwa ġibed l-attenzjoni tas-socjeta rikorrenti ghal dan il-fatt u hi kienet insistiet mieghu li dawn kienu *heavy duty chairs*. Zied ighid li "*... kienu ġabu dawn l-erba' siġġijiet li kienu qed joholqu l-problemi, u jista ikun li kienu iktar, però nahseb li kull ma ghamlu kienu illi jew wahhluhom bil-glue jew inkella zebghu fejn kien hemm bzonn*" (fol. 37). L-intimat issemmi żewġ episodji li sehhew fis-sajf u fil-Milied tas-sena 2008 rispettivament fejn kellu klijent li kien waqa bis-siggu b'kollox. Fl-ewwel kaz, l-intimat ighid li kellu jaghti lil dan il-klijent u lin-nies li kien hemm mieghu (3 b'kollox) l-ikla b'xejn. Ma jsemmi xejn dwar l-incident li kien sehh fil-Milied tas-sena 2008 ghajr ghal fatt li anke dan il-klijent kien urtat hafna.

L-intimat ikompli jghid li minn meta trangaw dawn is-siggijiet, intużaw biss ghal xi sitt xhur u fil-ghaxijiet biss. Ghal habta tal-Milied tas-sena 2009 huwa kien ma jiflahx sew u t-tabib tieghu ordnalu biex imur l-Isptar. Minhabba f'hekk, il-hanut inghalaq ghal disa' xhur shah.

Qal ukoll li wara li reggha fetah il-hanut, missieru, li jifhem fil-mistjier, qed jghinu jirranġahom u ftit ftit qed

jissostitwixxi dawn is-siggijiet. L-intimat jaqbel li huwa kien ghamel xi pagamenti fuq dawn is-siggijiet iżda ma humiex kollha mhallsin. Huwa qal li ma jridx ihallas il-bilanc peress li dawn ma kienux addattati ghal uzu f'*restaurant*.

Fis-seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2012 xehed in kontro-ezami l-intimat. Meta gie mistoqsi ma minn kien jikkomunika ghar-rigward tal-kwistjoni tas-siggijiet, l-intimat ighid li huwa kien jikkomunika direttament ma' Mark Borg li jahdem mas-socjeta rikorrenti. Qal ukoll li l-oggetti in kwistjoni kienu s-siggijiet u li kien hemm il-fuq minn erbghin siggu.

Meta gie mistoqsi jekk kienx hemm imwejjed huwa wiegeb fin-negattiv. L-intimat kompla jghid li huwa qatt ma gie muri *samples* ta' dawn l-imwejjed u siggijiet qabel ma ghamel l-ordni u dan kuntrarjament ghal dak li kien qieghed jigi suggerit lilu. B'referenza ghas-siggijiet, l-intimat qal li dawn gew *loose*.

L-intimat jistqar li dawn l-istess siggijiet gew ivverifikati qabel ma hu hadhom taht il-kontroll tieghu u li "*hsarat ma kontx qed nara jiena meta dawn gew delivered ghandi*" (fol. 57).

Ghar-rigward ta' ritratti li gew esebiti minnu, l-intimat ighid li skont ir-ritratt li hemm a fol 50 tal-process dak ittiehed fl-14ta' April, 2011 u fil-fatt huwa ghamel bicca karta fuq is-siggu biex tindika d-data. Mistoqsi jekk kienx ha xi ritratti qabel ma nbdiet il-kawza huwa wiegeb fin-negattiv. Kompla jghid li s-siggijiet kollha ssewwew minn missieru u dan peress li ma kienx *worth it* li jmur ghand mastrudaxxa.

L-intimat spjega ukoll li r-ritratt li hemm a fol 53 tal-process illi fih hemm hafna siggijiet fuq xulxin ttiehed wara l-ahhar incident tal-14 ta' April, 2011. Ikompli jghid li spicca kwazi jgemma s-siggijiet mkissrin li kien xtara minghand is-socjeta' rikorrenti. L-istess intimat qabel ma dak suggerit mid-difensur tas-socjeta rikorrenti "*illi kien hemm siggu jew iktar minn siggu wiehed illi gew ritornati lill-Studio Moda. Dawn is-siggijiet gew ittrangati mill-istess socjeta' attrici u nghataw lili lura*" (fol. 58).

Meta gie mistoqsi jekk huwa nghatax xi ricevuta mis-socjeta rikorrenti meta huma allegatament gabru s-siggijiet lura minghandu biex isewwuhom u regghu gabuhom lura huwa wiegeb fin-negattiv. Mistoqsi jekk kienx kiteb xi ittra lis-socjeta rikorrenti jilmenta mill-fatt tas-siggijiet, l-intimat wiegeb fin-negattiv. Qal pero li kien ghamel diversi ilmenti verbali.

Dawn is-siggijiet, ighid l-intimat, intuzaw ghal inqas minn sentejn u tul iz-zmien li dam l-Isptar, u z-zmien li ghamel maghluq il-hanut, dawn is-siggijiet ma ntuzawx. Qal ukoll li "*s-siggijiet li ttrangaw minn missieri baqghu jintuzaw sa Ottubru tas-sena l-ohra u cioe' tal-2011, wara Ottubru tal-2011 jiena n-negozju ghalaqtu definittivament. Kien hemm mejda bil-wicc tal-irham illi ma kienx hemm problemi minnha*" (fol. 58).

Mistoqsi jekk huwa qattx semma ma Mark Borg, ir-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti, li kellu xi problema ta' likwidita' huwa qal li jista jkun li qallu hekk pero' l-ilment tieghu mas-socjeta rikorrenti dejjem kienu ghar-rigward tal-hsarat fl-oggetti li kienu nbieghu lilu minnha.

5. **Xehed ukoll iben l-intimat Jordon Cini**. Beda biex ighid li kien ghamel xi żmien jaghti daqqa t'id lil missieru fir-*restaurant* bl-isem ta' Sardi. Huwa kkonferma dak li qal missieru fix-xhieda tieghu u cioe li kien qed ikollhom problemi b'dawn is-siggijiet u li kien hemm uhud minnhom li meta jpoġġu l-klijenti fuqhom jinqasmu u jaqghu.

Iben l-intimat ighid li missieru kien ċempel lis-socjeta rikorrenti biex jipprova jsolvi l-problema u din kienet ġabret "*bejn tnax u sittax-il siġġu, u mhux wiehed kif wed isostnu*" (fol. 40). Qal li s-socjeta rikorrenti kull ma ghamlet kien li wahhlu dawn is-siggijiet bil-kolla u wara gimghatejn regghu tfaccaw il-problemi. Semma ukoll l-episodju ta' meta waqa klijent bis-siggu quddiem *restaurant* nies. Huwa qal li kien hemm u biex missieru jirrimedja s-sitwazzjoni ma kienx zammlu flus ta' l-ikla. Qal ukoll li kien hemm okkazzjonijiet ohra fejn missieru kien jirritorna lura d-dar irrabjat u dan peress li kien ikun hemm inċidenti simili.

Ix-xhud qal li dawn is-siggijiet illum il-gurnata jinsabu fir-*restuarant* però ma humiex jiġu utilizzati. Qal li nannuh patern ipprova jirranġa dawn is-siggijiet u fil-fatt irnexxielu jirranġa xi ftit minnhom. Fil-fatt ghamlu xi żmien jutilizzawhom però wara xi ftit taz-zmien regghu bdew jitfaccaw l-istess problemi. Peress li ma baqghux jutilizzaw l-istess numru ta' siġġijiet, huma kellhom jibdew jirrifjutaw in-nies.

6. **Xehed ukoll Charles Grech**, habib ta' l-intimat. Huwa qal li meta l-intimat fetah ir-*restaurant* tieghu, huwa kien ikun hemm regolarment. Huwa qal li s-siggijiet kienu jidhru li ma humiex *heavy duty* u li dawn is-siggijiet dejjem "*... tawh il-problemi fil-fatt missieru l-hin kollu jirranġa fihom*" (fol. 42). Ix-xhud ighid ukoll li "*... darba fost l-ohrajn waqt li kont f'dan ir-restuarant kien hemm inċident fejn wiehed turist kien poġġa bilqeghda biex jiekol u kien waqa bis-siggu b'kollox f'dan ir-restaurant quddiem il-familja tieghu. Kienet imbarrazzanti ghal dan il-klijent, u mbaghad sabiex jirrimedja s-sitwazzjoni Mario kien tah kollox on the house*" (fol. 42).

7. Ra n-nota ta' l-intimati ppreżentata fit-23 ta' Marzu, 2012 bir-ritratti hemm annessi.

Ikkunsidra ulterjorment;

8. L-ewwel eċċezzjoni mqanqla mill-intimati hija li Mario Cini personalment ma ghamel ebda negozju mas-socjeta attriċi u ma hemm l-ebda ness bejniethom u kwindi ghandu jiġi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra s-socjeta rikorrenti. L-intimat ghandu raġun f'din l-eccezzjoni tieghu. Minn imkien ma jirrizulta l-involviment ta' l-intimat personalment salv ghal fatt li kien hu l-persuna li tikkomunika mas-socjeta rikorrenti. L-istess soċjetà rikorrenti harget l-*invoices* taghha fuq is-socjeta intimata u xhieda ta' dan gew esebiti dok. MB1 (a fol. 24) u dok. MB2 (a fol. 25). L-istess jista jinghad ghad-*debtor statement* (dok. MB3 a fol. 26) esebit mill-istess soċjetà rikorrenti. Ghaldaqstant din l-eccezzjoni tieghu sejra tiġi

akkolta u l-intimat personalment qieghed jiġi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

9. It-tieni eċċezzjoni hija dik tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni rikorrenti a tenur ta**l-artikolu 2148 (b) tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu tal-ligi jaqra hekk:

2148. L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' tmintax-il xahar:

(*b*) l-azzjonijiet ta' kredituri għall-prezz ta' merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobbli, mibjugħa bl-imnut[1];

10. Is-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas tas-somma ta' €2,034.76 minghand is-socjeta intimata u dan bhala bilanċ minn prezz ikbar ghal konsenja ta' siġġijiet u mejda u xi affarijiet ohra lill-istess soċjetà intimata. Is-socjeta intimata kienet ordnat minghand is-socjeta rikorrenti tmienja u hamsin (58) siġġu, mejda u xi oġġetti ohra relatati mar-*restaurant*. Il-valur taz-zewg invoices kienu ta' €7,536.49 (invoice numru 1045 immarkata bhala dok. MB 1 a fol. 24) u ta' €157.04 (invoice numru 1050 immarkata bhala dok. MB 2 a fol. 25). Iz-zewg ammonti hawn indikati jammontaw ghal €7,693.53c, mil-liema ammont l-ammont hallas is-somma ta' €5,658.76 biex b'hekk fadal bilanċ ta' €2,034.77c. Hija din l-ahhar somma li qeghda tintalab mis-socjeta rikorrenti minghand is-socjeta intimata.

11. L-ahhar pagament li s-socjeta intimata ghamlet lis-socjeta rikorrenti kien fil-15 ta' Frar, 2008. It-talba odjerna ġiet intavolata fil-21 ta' Mejju, 2009. Jigifieri hmistax (15)-il xahar wara l-ahhar pagament. It-Tribunal jaghmel referenza ghall-artikolu 2134 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid "*Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll bi ħlas akkont tad-dejn, magħmul mid-debitur innifsu jew minn wieħed li jkun jidher għalih*".

---

[1] The following actions are barred by the lapse of eighteen months:

(*b*) actions of creditors for the price of merchandise, goods or other movable things, sold by retail;

12. Dan ifisser li l-eccezzjoni mqanqla mis-socjeta rikorrenti ma ghandhiex tiġi milqugha l-ghaliex it-terminu ta’ tmintax (18)-il xahar stipulat fil-ligi ma kienx ghadda.

13. Apparti minn hekk, it-Tribunal huwa tal-fehma li l-artikolu 2148 (b) tal-Kap. 16 ma japplikax ghal kaz odjern. Dan l-artikolu jwaqqa l-azzjonijiet ta’ kredituri ghall-prezz ta’ merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra simili, mibjugha bl-imnut. Fil-gurisprudenza taghna nsibu li l-kriterju direttiv biex wiehed jiddistingwi l-grossista mid-dettaljatur hu dak li, filwaqt li l-ewwel wiehed aktarx ibiegh lil min jikkomercja fil-haga, it-tieni wiehed ibiegh aktarx lill-konsumatur u fi kwantitajiet zghar mizurati mill-bzonn tal-istess konsumatur – dak li jfisser illi l-kummerc bl-imnut jikkonsisti fir-rivendita f’partiti zghar ta’ merci jew derrati li tal-hanut (“bottegaio”) jew minutant jixtri minn ghand negozjant[2].

14. Il-ligi taghna, kif diga rajna, tuza l-kliem ‘ta’ kredituri’ u mhux il-kliem ‘ta’ kummercjanti’; u ma tuzax il-kelma ‘merci’ biss, kif f’xi ligi barranija, per ezempju t-taljana, imma zzid ukoll il-kliem ‘oggetti jew hwejjeg ohra mobbli’; u ma tuzax il-kliem ‘mibjugha lil persuni li ma jezercitawx il-kummerc’; imma tuza l-kelma ‘bl-imnut’, li mhix uzata fil-ligi taljana; u allura, skond il-ligi taghna, wiehed ghandu jara biss jekk l-operazzjoni kienetx ghall-ingrossa jew bl-imnut, billi l-ligi taghna tikkunsidra biss il-vendita tal-hwejjeg fuq indikati fiha nnfisha u l-kwantitattiv fornit biss[3].

15. Peress li l-ligi taghna tuza l-kelma ‘bl-imnut’, jidher car li tikkontempla lil dawk kollha, kummercjanti jew le li jbieghu oggetti ta’ konsum gjornalier, tant lil min hu kummercjant kemm lil min mhux. L-espressjoni ‘bl-imnut’ talludi bilfors ghal hwejjeg zghar; u dan, li l-haga tkun ta’ entita zghira, kien il-motiv li gieghel lil-legislatur jistabbilixxi preskrizzjoni qasira, billi mhix haga solita, u

[2] **Grazio Debattista vs Nichele Galea** deciza mill-Qorti tal-Kummerc nhar it-23 ta’ Mejju, 1961 per Onor. Imhallef T. Gouder;

[3] Ibid.

lanqas li wiehed ghandu jistenna, li min ibiegh jaghti kredtu ghal zmien twil f'vendita ta' hwejjeg zghar[4].

16. Issa f'dan il-kaz, il-bejgh, fil-fehma tat-Tribunal ma jistax jigi kunsidrat bhala wiehed ta' haga zghira ta' konsum gjornalier u ghaldaqstant ma jistax jigi kkunsidrat bhala bejgh bl-imnut. Il-bejgh f'dan il-kaz kien ta' tmienja u hamsin (58) siġġu, mejda u xi oġġetti ohra li jintużaw f'*restaurants*. Dawn l-oggetti kollha jiswew komplessivament €7,693.53c u ghalhekk kif diga nghad, ma jistax jitqies bhala xi haga zghira ta' konsum ta' kuljum. Ghalhekk din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni rikorrenti a tenur ta' l-artikolu 2148(b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta mqanqla mis-socjeta intimata qeghda ukoll tigi michuda ghax ma hijiex applikabbli ghal kaz odjern.

17. Ghar-rigward tat-talba, mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta intimata kienet xtrat diversi oġġetti minghand is-socjeta rikorrenti b'valur komplessiv ta' sebat elef sitt mija tlieta u disghin euro u tlieta u hamsin ċenteżmi ta' euro (€7,693.53). Skond id-*debtor statement* (dok. MB3 a fol. 26), is-socjeta intimata hallset is-somma ta' hames elef sitt mija tmienja u hamsin euro u sitta u sebghin ċenteżmi ta' euro (€5,658.76) fuq medda ta' diversi xhur. Meta t-Tribunal naqqas din l-ahhar ċifra mill-ewwel ċifra hawn imsemmija jirrizulta bilanċ favur is-socjeta rikorrenti ta' elfejn u erbgha u tletin euro u sebgha u sebghin ċenteżmi ta' euro (€2,034.77). Fit-talba taghha s-socjeta rikorrenti titlob il-hlas ta' €2,034.76 u allura ċenteżmu ta' euro inqas minn dak li wasal ghalih it-Tribunal. Huwa dan l-ammont ta' €2,304.76 li ghandu jithallas lis-socjeta rikorrenti minn dik intimata.

18. Ghar-rigward tal-kontro-talba, is-socjeta rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha tghid li s-socjeta intimata tallega li l-oggetti li hi kienet bieghet ma kienux tal-kwalita pattwita. Tkompli tghid li l-provi mressqa mis-socjeta intimata kollha jindikaw li l-kontro-talba qeghda tiġi bbazzata fuq difetti mohbija u mhux tal-kwalita pattwita.

[4] Ibid.

Is-socjeta intimata, fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha tghid li d-difetti fis-siggijiet kien mohbi u allura hija din l-azzjoni li l-istess soċjetà intimata qeghda tesperixxi kontra s-socjeta rikorrenti.

19. **L-artikolu 1390 tal-Kap. 16** tal-Ligijiet ta' Malta jghid li:

**1390.** Jekk il-ħaġa li l-bejjiegħ iġib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalità mwiegħda, jew ma tkunx bħall-kampjun li fuqu l-bejgħ ikun sar, ix-xerrej jista' jagħżel jew li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni, jew li jircievi l-ħaġa bi prezz anqas fuq stima ta'periti.

20. Mill-banda l-ohra, **l-artikolu 1424 tal-Kap. 16** tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

**1424.** Il-bejjiegħ hu obbligat jagħmel tajjeb għad-difetti li ma jidhrux tal-ħaġa mibjugħa illi jagħmluha mhux tajba għall-użu li għalih hija maħsuba, jew li jnaqqsu daqshekk il-valur tagħha illi x-xerrej ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz iżgħar, li kieku kien jaf bihom.

21. Mill-provi prodotti, t-Tribunal jidhirlu li l-azzjoni eżerċitata mis-socjeta intimata hija dik naxxenti mill-garanzija ghad-difetti li ma jidhrux, maghrufa bhala estimatoria, ezercibili meta l-kumpratur jaghzel li jżomm il-haga u jitlob lura dik il-bicca mill-prezz li tiġi stabbilita mill-Qorti, <u>u ma hijiex</u> dik naxxenti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-art. 1390 tal-Kodici Civili, in forza ta' liema dispożizzjoni, jekk il-haga li l-venditur joffri ghall-konsenja ma tkunx tal-kwalita pattwita, jew ma tkunx bhal kampjun li fuqu l-vendita tkun saret, il-kumpratur jista jaghzel, jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni, jew li jirċieviha bi prezz anqas fuq stima ta' periti.

22. Il-merci ghandha tiġi rikonoxxuta vizzjata, jew difettuża, meta tiġi fiha verifikata xi devjazzjoni mill-istat taghha ordinarju u normali, li minnu tkun tiddependi l-attitudni taghha ghall-uzu li ghalih, min-natura taghha, hija destinata, u ghalhekk vizzju, jew difett, hija kull anormalita jew imperfezzjoni, u kull gwast jew avarija, illi fil-haga tiġi

riskontrata, li tnehhilha jew tnaqqsilha l-attitudni ghall-uzu; u kwindi biex il-haga tkun difettuża, irid ikun jonqsulha xi haġa biex tkun tista teżisti b'mod pjenament konformi ghan-natura taghha, u biex tkun vizzjata jrid ikun hemm fiha xi alterazzjoni li minhabba fiha l-haga ma tkunx kif normalment ghandha tkun.

23. Il-fatt li xi siġġijiet milli xtrat is-socjeta intimata minghand dik rikorrenti spiċċaw ġratilhom xi hsara ma rrendietx l-istess siġġijiet ta' kwalità inferjuri jew pregju minuri u ghalhekk ma huwiex kaz ta' differenza ta' kwalità iżda huwa kaz ta' vizzju ghall-mod imperfett kif il-merci ġiet fabbrikata, valjata, imballata, kustodita.

24. Issa fir-rigward tal-kontro-talba, s-socjeta intimata stqarret li kien hemm żewġ episodji fejn klijenti taghha, waqt li kienu fir-*restaurant*, poġġew fuq siġġu u dan waqa bihom. Jordan Cini xehed li s-socjeta rikorrenti kienet ġabret bejn tnax u sittax-il siġġu biex tirranġahom. Mario Cini jsemmi erba' siġġijiet ghalkemm fix-xhieda tieghu jghid li "*jista jkun li kienu iktar*" (fol. 37). Jidher li d-difetti hargu fis-sajf tas-sena 2008 meta dawn is-siggijiet kienu nghataw lis-socjeta intimata  f'Settembru, 2007 (ara dok. MB 1 a fol. 26). Ghar-rigward tas-socjeta rikorrenti, hija tghid li kien hemm siġġu wiehed li kellu l-hsara. Charles Grech xehed li s-siggijiet kienu jidhru li ma kienux *heavy duty*. Ta min ighid li dawn is-siggijiet intaghzlu minn *interior designer* mahtur mis-socjeta intimata. It-Tribunal ma huwiex tal-fehma li dawn is-siggijiet kellhom xi vizzju mohbi, iżda wisq probabbli li sehh kien li bl-uzu kontinwu ta' dawn l-istess siġġijiet sehhet hsara normali ta' *wear and tear* fuqhom. Il-provi mressqa ma jikkonvincux lit-Tribunal li dawn is-siggijiet kienu affettwati minn xi difetti li ma jidhrux. Ghaldaqstant il-kontro-talba tas-socjeta intimata qeghda tiġi michuda.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi:

i. Fl-ewwel lok jillibera mill-osservanza tal-gudizzju lill-intimat Mario Cini personalment stante li mill-provi prodotti ma jirriżultax li huwa ghamel xi negozju personalment mas-socjeta rikorrenti.

ii. Jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta’ l-artikolu 2148(b) tal-kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

iii. Jichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha ghar-ragunijiet fuq moghtija;

iv. Jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti u jikkundanna lis-socjeta intimata thallasha s-somma ta’ elfejn erbgha u tletin euro u sitta u sebghin ċenteżmi ta’ euro (€2,034.76) bl-imghaxijiet dovuti fuq din is-somma mit-28 ta’ Settembru, 2007.

v. Jichad il-kontro-talba tas-socjeta intimata ghar-ragunijiet fuq premessi.

L-ispejjez inkwantu ghall-Mario Cini jithallsu mis-socjeta rikorrenti filwaqt li l-ispejjez l-ohra kollha jithallsu mis-socjeta intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------